**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 630/2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Adrian Muscat**

Illum, 31 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Adrian Muscat, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0129983(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'April 2015 u/jew fix-xhur ta' qabel, fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala direttur tal-kumpanija 'Waste Collection Ltd' (C58428):

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt u ċioe' delitt ta' frodi, ai termini tal-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta' tiegħu, billi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal f'dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffirmati, inkella billi zid jew biddel klawzoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. Kif ukoll talli xjentement għamel uzu minn att, kitba jew skrittura privata;
3. Talli sar reċediv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Lulju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li sabet lill-imputat ħati tat-tieni mputazzjoni limitatament fil-kapaċita' personali tiegħu, illiberatu mill-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u kkundanatu għall-tnejn u għoxrin (22) xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal sentejn u nofs mid-data tas-sentenza. *Inoltre*, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, ordnat lill-imputat iħallas l-ammont ta' €299.10c rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fit-8 ta' Awwissu 2022, fejn talab lil din l-Qorti:

1. Tikkonferma s-sentenza fejn l-ewwel Qorti lliberatu minn kull ħtija u piena skond l-ewwel u t-tielet akkuża u ma sabitux ħati;
2. Tibdel u tirriforma s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti u jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu għall-ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-istess tieni akkuża u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għal dak appena espost, tirriforma s-sentenza appellata fil-pari tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz;
3. Tikkunsidra u tiddeċiedi li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rrifjutat it-talba għar-rikuza fi stadju tas-smiegħ tal-provi tal-prosekuzzjoni kif premess fl-aggravji interposti f'dan ir-rigward u konsegwentement tannulla u tirrevoka kull sentenza u deċizjoni mogħtija bil-konsegwenza li tirritorna s-smiegħ tal-kaz lil ġudikant ieħor quddiem Qorti inferjuri u/jew tkun din il-Qorti li tordna dak li jkun ġust u propens sabiex l-appellant jkollu smiegħ xieraq u ġust.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravji fil-mertu li jressaq l-appellant marbuta mas-sejbien ta' ħtija għat-tieni imputazzjoni lilu addebitata, l-Qorti tqies li għandha teżamina l-ilment li huwa jqanqal dirett lejn id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti meta din ċaħdet it-talba minnu magħmula f'rikors ippreżentat fit-08 ta' Novembru 2021 għar-rikuża tal-ġudikant sedenti, billi r-rimedju li qed jintalab mill-appellant f'każ illi dan l-aggravju ikun milqugħ huwa li l-proċeduri li seħħew quddiem l-Ewwel Qorti jkunu dikjarati nulli u jkun ordnat is-smigħ mill-ġdid tal-każ.

L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellha qatt tiċħad ir-rikors għar-rikuża tal-ġudikant sedenti mressaq minnu meta din kienet esprimiet ruħha *a priori,* qabel ma instemgħu l-provi kollha, dwar il-ħtija o meno għall-akkużi lilu addebitati sabiex b'hekk wriet li d-deċiżjoni finali tagħha ma kenitx ser tkun waħda imparzjali. Dan seħħ wara li kien xehed l-espert tal-kalligrafija Joseph Mallia u ppreżenta r-rapport tiegħu, meta, l-appellant jikkontendi illi l-Maġistrat sedenti l-qorti inferjuri stednitu jirregolarizża l-pozizzjoni tiegħu u iddikjarat li jkun aktar opportun għalih li jirreġistra ammissjoni bikrija għall-akkuzi kollha miġjuba kontrih. L-appellant iżid jallega illi l-istess Maġistrat kienet saħansitra rrinfaċjatu fil-kuritur tal-Qorti b'din it-talba li kien ressaq għar-rikuża tagħha fejn issuġġeritlu sabiex jirtira r-rikors li kien ippreżenta. Huwa jsostni li l-Ewwel Qorti missha kkunsidrat sew it-talba għar-rikuża għaliex hija stess, bin-nuqqas ta' silenzju tagħha, espremiet ruħha dwar il-ħtija tal-imputat fi stadju bikri meta ma kenux għadhom għalqu l-provi l-Prosekuzzjoni. Fid-dawl ta' dan kollu, l-appellant qed jitlob li din il-Qorti tħassar u tannulla d-digriet tal-Ewwel Qorti tal-10 ta' Jannar 2022 fejn it-talba tiegħu kienet miċħuda. Illi fuq dan il-punt l-Ewwel Qorti stqarret hekk fis-sentenza appellata:

1. **Ġaladarba l-imputat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jagħmel riferenza għat-talba ta' rikuża li saret fil-konfront tal-Maġistrat sedenti, il-Qorti tqis li wasal il-mument opportun fejn tista' tesprimi l-ħsibijiet tagħha liberament dwar il-għan tagħha meta fakkret lill-imputat li**

**ammissjoni tista' tiġi reġistrata fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, wara kollox kif jipprovdi l-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali.**

**Kif tikkonċedi l-abbli difiża fin-nota minn tagħha, dan seħħ hekk kif xehed Joseph Mallia fit-22 ta' Frar, 2021, fejn jikkorrobora dak li Borg dejjem saħqet mal-investigatur (u ċioe li d-dokument in kwistjoni kien ġie falsifikat għaliex hi qatt ma ħarġitu). Dak li donnu kien nesa l-imputat hu li fil-verbal preċedenti (magħmul minnu anqas minn xahar qabel) propju fl-ewwel seduta, għamel dikjarazzjoni li tolqot propju l-mertu ta' dawn il-proċeduri meta, fl-20 ta' Jannar, 2021, tenna "li d-dokument X kien ingħata lil Adrian Muscat f'għaxar kopji". Dan meta fl-interrogazzjoni tiegħu l-imputat irrifera biss għall-reference letter waħda li jgħid li ġabarha mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija meta ngħata cheque!**

**Hemm sinifikat ukoll fil-fatt li t-talba għar-rikuża seħħet fit-8 ta' Novembru, 2021 xejn anqas minn 9 xhur wara s-seduta li fiha kien xehed Mallia. Konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt huma superfluwi, iżda ikun ferm għaqli li qabel ma jkun hemm lok li jitnisslu dubbji nfondati, wieħed iqis sew jekk għandux jirrinunzja għad-dritt tas-silenzju!**

**2. B' digriet tal-20 ta' Jannar, 2021, Dok.MM esibit minn Marica Mifsud, li jikkontjeni d-dokumentazzjoni kollha relattiva għall-tenders li ma ntrebħux u li ġie esibit fiżikament fil-kumpilazzjoni nru 629/2020 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Marius Muscat, jinsab esibit formalment f'dawn l-atti flimkien ma vera kopja tad-dokument in kwistjoni, Dok.X**

Illi jibda biex jingħad illi dak li jidher li urta lill-appellant kien il-fatt illi l-Ewwel Qorti, bl-istedina lilu magħmula sabiex jammetti għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u dan saħansitra qabel ma kien ingħalaq l-istadju tal-provi tal-Prosekuzzjoni, esprimiet ruħha dwar il-mertu tal-każ, biex b'hekk jidhirlu li sofra xi preġudizzju. Illi din l-allegazzjoni magħmula mill-appellant hija in kwantu fiergħa u dan għaliex kif jidher ampjament mid-deċiżjoni finali mogħtija mill-Ewwel Qorti ma hemm ebda dubbju illli dak li qed jilmenta dwaru l-appellant ma għandu ebda bażi. Li kieku l-Ewwel Qorti kienet preġudikata *a priori* kontra l-appellant żgur illi huwa ma kienx ser ikun illiberat minn tnejn mit-tlett imputazzjonijiet lilu addebitati, iżda l-Qorti kienet issib ħtija għall-imputazzjonijiet *in toto*, ħaġa li, kif ingħad, ma seħħitx. Illi fil-fatt minn qari tas-sentenza appellata huwa indubitat illi l-Ewwel Qorti eżaminat *funditus* il-provi kollha li kien hemm fl-atti, għamlet konsiderazzjonijiet

dettaljata imsejsa fuq il-ġurisprudenza, u waslet għad-deċiżjoni illi ssib ħtija unikament għat-tieni imputazzjoni.

Illi l-artikolu 734 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, reż applikabbli għal proċeduri penali permezz ta'l-artikolu 368 tal-Kodiċi Kriminali, jfassal dawk l-istanzi fejn ġudikant jista' jkun rikużat jew inkella jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża. Illi r-raġuni li jressaq 'il quddiem l-appellant ma tinkwadra ruħha f'ebda waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fis-sub-inċiz (1)(a) sa (e) tal-imsemmija disposizzjoni tal-liġi. Illi fuq kollox fid-digriet tagħha tal-10 ta' Jannar 2022 l-Ewwel Qorti, kif ippresjeduta, iddikjarat b'mod ċar illi ma kienet saret ebda implikazzjoni dwar il-ħtija o meno tal-appellant u li dan kien ser jkun minnha stabbilit unikament wara l-egħluq tal-provi tal-partijiet kollha fil-litiġju.

Illi magħdud dan kien spiss affermat illi jistgħu jeżistu ragunijiet, oġġettivament riskontrabbli, li ma jissemmewx espressament fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12, iżda li huma ġuridikament relevanti u li jistgħu jwasslu għar-rikuża jew astensjoni ta' Imħallef u/jew Maġistrat għax oġġettivament ikun hemm suspett fondat dwar l-imparzjalita` ta' dak il-ġudikant. Dan għaliex id-dritt għal smigħ xieraq jista' jiġi vjolat meta jkun jidher, oġġettivament, illi ġudikant jista' jkun parzjali. Illi l-Qorti qed tikkwalifika l-oġġezzjoni bħala waħda li trid tkun oġġettiva u mhux soġġettiva, billi parti fi proċess ġudizzjarju ma tistax titlob ir-rikuża tal-ġudikant sedenti għaliex 'jidhrilha' jew 'tħoss' illi hemm xi biża ta' nuqqas ta' imparzjalita'. Din l-oġġezzjoni trid tkun waħda fondata u oġġettivament riskontrabbli u dan meta jittieħed in konsiderazzjoni l-proċess ġudizzjarju b'mod ħolistiku.

Illi kif deċiż fis-sentenza r-***Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah***[1]:

> **"Pero`, kif accennat minn din il-Qorti fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja aktar 'l fuq imsemmija, huwa legittimu wiehed jistaqsi wkoll jekk hemmx ragunijiet ohra li "oggettivament jiggustifikaw" id-dubbju li talvolta l-appellant ghandu, jew donnu ghandu, dwar l-imparzjalita` ta' l-Onorevoli Imhallef sedenti fil-Qorti Kriminali. Dan qed**

[1] App.Sup. 15/11/2004

> **jinghad ghax il-ligi ma tridx li, semplicement ghax parti jew ohra fil-kawza "thoss" jew "jidhrilha" li l-gudikant jista' jkun "parzjali", allura dak il-gudikant ghandu ma jihux konjizzjoni ta' dik il-kawza. Apparti l-obbligu li l-ligi timponi fuq il-gudikant li joqghod f'kull kawza li tigi lilu assenjata skond il-ligi u li jastjeni jew jilqa' eccezzjoni ta' rikuza fil-kazijiet biss fejn ikun legalment gustifikat li huwa ma jkomplix jiehu konjizzjoni ta' dik il-kawza, <u>mhux kull "hsieb" ta' parzjalita` li jista' talvolta jghaddi minn mohh parti jew ohra, jista' jinghad li huwa "oggettivament gustifikat"</u>. It-test oggettiv ta' l-imparzjalita`, anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bazi oggettivament riskontrabbli. Fi kliem l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick "*The objective test of 'impartiality' is comparable to the English Law doctrine that 'justice must not only be done: it must also be seen to be done'. In this context the [European] Court [of Human Rights] emphasises the importance of 'appearances'. As the Court has stated, '[w]hat is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused'. In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is 'important but not decisive'; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be 'objectively justified'. If there is a legitimate doubt as to a judge's impartiality, he must withdraw from the case.*" Hekk, per ezempju, gie ritenut li s-semplici fatt li Imhallef "*…has also made pretrial decisions in the case cannot be taken as it itself justifying fears as to his impartiality…what matters is the extent and nature of those decisions.*"**

Illi kemm il-darba l-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll il-QEDB sostnew illi sabiex ikun stabbilit jekk il-persuna akkużata b'reat ingħatatx smigħ xieraq għandu jittieħed kont tal-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu. Żgur mhux forsi illi f'dan il-każ meta ssir analiżi tal-proċess kollu, kif ukoll tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata fejn, jerġa' jingħad, l-appellant ġie illiberat minn tnejn mit-tlett akkużi lilu addebitati, ma jistax ikun hemm xi lment illi huwa kien imċaħħad mid-dritt tiegħu fondamentali ta' smigħ independenti u imparzjali fejn kienet ikkunsidrata id-difiża minnu mqanqla, u dan għas-sempliċi raġuni illi l-appellant dehrlu illi bil-fatt illi l-ġudikant kienet qed tistiednu jikkonsidra jekk hemmx lok illi huwa jirreġistra ammissjoni għall-akkużi lilu addebitati, kienet qed tkun skossa l-imparzjalita' ta'l-istess ġudikant. Fuq kollox l-appellant għandu dejjem ir-rimedju tal-appell fejn jista' jitlob reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti jekk huwa tal-fehma illi din ma kenitx waħda skont il-liġi u mhux ibbażata fuq ir-riżultanzi proċesswali sabiex għalhekk id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq jibqa' mhux mittiefes.

Dan qed jingħad apparti kull kwistjoni legali dwar jekk fil-fatt jeżistix appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati dwar talba għal rikuża, u dan għaliex għalkemm l-artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali jagħti jedd ta' appell anke minn digrieti interlokutorji wara li tkun inghatat s-sentenza finali, l-artikolu 738 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għalkemm mhuwiex reż applikabbli ukoll għal proċeduri penali, madanakollu jimpedixxi appell minn digriet dwar eċċezzjoni ta' rikuża. Dan magħdud, madanakollu, fi kwalunkwe każ il-Qorti tqies illi għar-raġunijiet hawn fuq miġjuba l-oġġezzjoni tal-appellant dwar l-imparżjalita' tal-ġudikant sedenti quddiem l-Ewwel Qorti mhijiex oġġettivament riskontrabbli u għalhekk dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-aggravju rimanenti mqiegħed għal ġudizzju ta' dina l-Qorti jikkonċerna is-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti dwar it-tieni imputazzjoni lilu addebitata fejn huwa kien mixli li xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza. L-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabitu ħati ta' l-istess u għamlet apprezzament ħazin tal-provi prodotti quddiemha.

Illi l-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluz id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti meta din sabet ħtija fl-appellant għat-tieni imputazzjoni lilu addebitata kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[2].

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6

Illi l-investigazzjonijiet marbuta ma' dan il-każ għandhom il-qofol tagħhom f'allegat falsifikazzjoni ta' ittra ta' rakomandazzjoni maħruġa mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, liema ittra l-appellant għemieżha ma'applikazzjoni magħmula għan-nom tas-soċjeta' *Waste Collection Limited*, fir-rigward ta' *tender* pubbliku maħruġ in konnessjoni mal-ġbir ta' l-iskart mill-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard.

Illi l-provi prodotti jikkonsistu essenzjalment fil-verżjoni tal-fatti mogħtija minn ċertu Georgette Borg, impjegata mal-Kunsill Lokali ta Ħali Lija, li allegatament kitbet u ffirmat l-ittra inkriminatorja eżebita a fol. 39 tal-proċess, ir-rapport u x-xiehda tal-espert tal-Qorti Joseph Mallia u il-verżjoni tal-fatti tal-appellant. Illi l-verżjoni tal-fatti mogħtija mix-xhud Georgette Borg u dik tal-appellant huma kunfliġġenti billi minn naħa l-waħda l-appellant isostni illi din l-ittra ġiet mogħtija lilu direttament minn Georgette Borg, filwaqt illi minn naħa tagħha Borg innegat li hija kitbet din l-ittra, iffirmata u għaddietha lill-appellant għalkemm fix-xhur preċedenti ta' dan il-każ, kienet ħarġet ittri simili. Madanakollu kienet soda fl-affermazzjoni tagħha illi l-ittra in diżamina la saret minnha, la iffirmatha u wisq anqas għaddietha lill-appellant.

Illi allura ir-risoluzjoni għal vertenza tinsab proprju fil-prova forenska magħmula mill-espert nominat mill-Qorti Joseph Mallia li tagħti saħħa lil verżjoni tal-fatti ta' Georgette Borg. L-espert Mallia jikkonkludi fir-rapport tiegħu illi "**il-firma għandha l-punti karretteristiċi kollha li hija ta' Georgette Borg pero' ma hijix il-firma bl-inka oriġinali. Hija firma scanned jew inkella trasferita fuq dak id-dokument**". L-espert Mallia jgħid li fid-dokument in kwistjoni kemm il-firma ta' Georgette Borg kif ukoll l-arma tal-Kunsill kienu *super-imposed*. Dan ifisser li xi ħadd mhux magħruf kien ħa l-iżbriga li jittrasferixxi l-firma ta' Georgette Borg u l-arma tal-Kunsill ta' Ħal Lija minn fuq xi dokument ieħor u jagħmlu *super-imposed* fuq id-dokument in dizamina. Minn din il-prova forensika, li ma tistax tiġi meruta, l-Qorti għalhekk

ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

tinsab moralment konvinta, bħall-Ewwel Qorti qabilha illi l-verzjoni ta' Georgette Borg għandha mis-sewwa.

Illi *ex admissis,* imbagħad l-appellant jammetti li kien hu li għemeż l-ittra inkriminatorja fl-applikazzjoni tat-*tender* li ġiet ippreżentata lil Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard f'isem is-soċjeta Waste Collection Limited. Fil-fatt igħid li kien unikament hu biss li ħejja id-dokumenti kollha meħtieġa sabiex jitfa' l-offerta' u li din kien għaddieha lil Kunsill, li minn naħa tagħha żammitha issiġġillata sakemm infetħet flimkien mal-offerti l-oħra pubblikament.

L-appellant madanakollu, fl-appell minnu ntentat, jisħaq illi huwa ma kienx a konoxxenza tal-fatt illi din l-ittra kienet wahda falsifikata, u stabbilit kwindi mill-Ewwel Qorti li huwa ma kienx ħati tal-falsifikazzjoni ta'l-istess, ma kienx hemm biżżejjed provi in atti illi huwa għamel użu xjenti minn dan id-dokument meta ippreżenta l-applikazzjoni. Jikkontendi illi flimkien ma' din l-ittra li kienet rakkomandazzjoni mill-Kunsill Lokali ta' Hal Lija sabiex s-soċjeta tkun ikkunsidrata fl-aġġudikazzjoni tat-*tender*, huwa ippreżenta sitt rakkomondazzjonijiet oħra minn Kunsilli Lokali oħra, u allura ma kellux bżonn fl-aħħar mill-aħħar jippreżenta din ir-rakkomandazzjoni falza sabiex ikun f'posizzjoni ta' vantaġġ biex jirbaħ it-*tender,* iktar u iktar meta kien meħtieġ li tkun ippreżentata rakkommandazzjoni waħda biss flimkien mal-applikazzjoni.

Illi l-Ewwel Qorti għamlet eżami akkurat tal-modalita' użata sabiex intefgħet l-applikazzjoni għat-*tender* mill-appellant bid-dokumenti kollha li kienu mitluba u kif dawn kienu mehmuża. Illi ma jidhirx illi huwa kkontestat illi kien l-appellant li ħejja din id-dokumentazzjoni u qasahom f'tlett pakketti separati skont l-ispeċifikazzjonijiet tat-*tender* bl-ittri maħruga minn Kunsilli lokali diversi li jirrakkomandaw lis-soċjeta *Waste Collection Limited* bħala provditur għas-servizz tal-ġbir ta' skart fil-lokalita'. Dan ifisser illi, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti, l-appellant ma jistax jitwemmen meta jsostni illi fil-mument li huwa għemeż din l-ittra inkriminatorja fil-pakkett huwa ma kienx jaf li din kienet falza, iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti qabilha tagħti affidament lil verżjoni tal-

fatti ta' Borg li tiċħad li kienet hi l-għaddiet l-ittra lill-appellant. Illi dan ifisser illi l-appellant kiseb din l-ittra minn sors mhux identifikat u mhux uffiċjali ġaladarba ma jidhirx li din ħarġet mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija. Illi anke minn daqqa t'għajn lejn id-dokument jidher *ictu oculi* illi dan huwa kopja, bl-arma tal-Kunsill tinsab aktar lejn il-ġenb tan-naħa ta' fuq tad-dokument minflok fin-nofs bil-kulur tagħha jidher imżelleġ u ukoll bil-firma ta' Borg tidher illi mhijiex fl-oriġinal tagħha. Il-Qorti għandha id-dubbji tagħha ukoll kemm ir-*reference letters* l-oħra huma ukoll fl-oriġinal tagħhom, b'uħud mill-firem fuq dawn l-ittri lanqas jixxiebħu ma' dawk li jinsabu fuq il-fotokopja tal-ftehim li permezz tiegħu is-soċjeta *Waste Collection Limited* kienet inkarigata tiġbor l-iskart fil-lokalitajiet hemmhekk indikati, kif ukoll bid-diċitura adoperata fl-imsemmiija ittri hija identika u/jew simili ħafna għal xulxin, tant illi l-appellant fix-xiehda tiegħu in kontro-eżami ma kienx f'posizzjoni jikkonferma l-awtentiċita' tagħhom. Illi allura l-osservazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti dwar il-mod kif din l-ittra hija redatta meta imqabbla mal-ittri l-oħrajn maħruġa mill-Kunsilli Lokali diversi ippreżentati mill-appellant mal-applikazzjoni, huma konsiderazzjonijiet siewja ħafna u li jagħmlu sens fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi allura dak lli jafferma l-appellant illi kienet Georgette Borg li għaddietlu l-ittra hija għal kollox inverosimili. Kif inhi inveritjiera l-affermazzjoni tiegħu illi huwa ma kellux konoxxenza illi l-ittra ma kenitx waħda oriġinali u li din kienet iffabbrikata. Dan meta ddikjara fix-xiehda tiegħu illi kien hu li ħa ħsieb jipprepara u jippreżenta l-applikazzjoni tat-*tender* bid-dokumenti annessi magħha u dan għalkemm din kienet iffirmata minn missieru Marius Muscat, li kien direttur tal-kumpanija.

Finalment l-appellant ma iressaq l-ebda prova li tista' b'xi mod tissosstanzja l-allegazzjoni tiegħu illi din l-ittra kienet inserita appożitament minn xi persuna li riedet tagħmillu l-ħsara sabiex it-*tender* ma tiġix aġġudikata lis-soċjeta *Waste Collection Limited*. Allegazzjoni li l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha ukoll tqies inverosimili ġaldarba l-applikazzjoni bid-dokumenti kienet marbuta flimkien mill-appellant permezz ta' *spiral binding* u meta din infetħet mill-Kunsill l-eżerċizzju sar fil-pubbliku sabiex diffiċilment l-ittra setgħat kienet inserita malizzjosament minn terzi kif allegat. Magħdud ma' dan il-Qorti lanqas tara li jagħmel wisq sens il-verbal

magħmul mid-difiża fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti[3] meta ddikjarat li l-appellant għandu fil-pussess tiegħu għaxar kopji minn din l-ittra, liema kopji madanakollu qatt ma jiġu ppreżentati fil-mori tal-kawża.

Il-Qorti għalhekk ma tista' ssib ebda mottiv biex tiskossa l-apprezzament dettaljat u erudit tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta din sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni lilu addebitata.

Illi finalment l-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet eċċessiva u għalkemm illiberatu mill-addebitu tar-reċidiva, billi din ma kenitx ippruvata, madanakollu xortawaħda mponiet piena ħarxa fid-dawl ta' dak li qieset bħala il-fedina penali refrattarja tiegħu.

Illi ma huwiex ikkontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' 22 xahar priġunerija taqa' sewwasew fil-parametri tal-liġi, anzi tqarreb iktar lejn il-minimu. *Di piu'* il-Qorti applikat favur l-appellant id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali sabiex b'hekk it-terminu tal-priġunerija erogata fil-konfront tiegħu kienet sospiża għal żmien sentejn u nofs, u allura ma tinġiebx fis-seħħ jekk f'dan it-terminu ta' żmien l-appellant joqgħod 'il bogħod mit-triq tal-kriminalita'. Il-Qorti għalhekk tqies illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ din il-piena kienet waħda li tagħmel ġustizzja u ma tqiesx li hemm ebda mottiv li jista' iwassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-istess. Ukoll għaliex l-appellant ma iressaq ebda raġuni li tista tixpruna lil Qorti tagħmel dan u l-fatt illi l-appellant kien illiberat mill-addebitu tar-reċediva ma tipprekludiex lil qorti tqies il-fedina penali u l-kondotta preċedenti tiegħu meta tiġi biex tikkalibra l-piena. Anzi l-kondotta tal-ħati hija waħda mill-konsiderazzjonijiet li dejjem tittieħed in konsiderazzjoni meta il-qorti tiġi biex tqies ix-xorta u il-qies tal-piena li għandha tkun inflitta fuq il-persuna misjuba ħatja ta' reat. Dan l-aggravju għalhekk ukoll qed jiġi miċħud.

---

[3] Ara verbal tal-20 ta' Jannar 2021 meta kien hekk iddikjarat wara li l-Qorti ħatret l-espert kalligrafu:
"*Id-difiża tagħmel referenza għan-nomina tal-espert u tinforma lil din l-Onorabbli Qorti li d-dokument X kien ingħata lil Adrian Muscat f'għaxar kopji.*"

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**